# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 573/2018/1 AB**

**Paul Gauci f'ismu proprju u għan-nom tas-soċjetà E & G Properties Limited**

**v.**

**Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali, f'isem is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni tal-konvenut Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali *nomine* u dwar appell inċidentali tal-attur Paul Gauci *proprio et nomine* minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Lulju, 2019, fejn fl-ewwel lok iddikjarat li l-privileġġ mogħti lill-Gvern taħt l-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa ta' ordni pubbliku u għalhekk jista' jitqanqal mill-Qorti minn jeddha; u fit-tieni lok li dan il-privileġġ ma jistax jiġi użat f'azzjoni mibdija taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-5 ta' Ġunju, 2018, l-attur Paul Gauci *proprio et nomine* fisser li huwa sid ta' ġabra ta' bini magħruf bħala «*Villa St. Ignatius*», fi Triq Scicluna, San Ġiljan. Jgħid li fil-5 u fis-7 ta' Diċembru, 2017, waqt li kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet ta' twaqqigħ ta' parti minn dan il-ġid, il-konvenut Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali ħareġ ordni ta' konservazzjoni u protezzjoni taħt l-**Att dwar il-Patrimonju Kulturali** sabiex ma jitkomplewx ix-xogħlijiet u dan sakemm dawn l-ordnijiet ma jiġux imħassra b'ordni oħra. L-ewwel ordni kienet tirreferi għal «*Villa St. Ignatius*», fi Triq Sciortino, f'San Ġiljan, filwaqt li t-tieni ordni kienet tirreferi għal «*Villa St. Ignatius*», fi Triq Scicluna, f'San Ġiljan.

3. L-attur *proprio et nomine* jisħaq li dawn l-ordnijiet inħarġu b'mod *ultra vires* skont l-**Artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura**. Minħabba f'hekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1.Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Ordni tal-intimata Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali maħruġ bl-ittri tal-5 ta' Diċembru 2017 u tas-7 ta'*

*Diċembru 2017 kif fuq ingħad imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(i)(ii)(iii) u (iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12);*
*2. Konsegwentement tiddikjara l-istess ordni null u mingħajr effett;*
*3. Tagħti kull ordni jew provvediment sussidjarju u relattiv, kif din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' inġunt minn issa għas-subizzjoni.»*

4. Is-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali *nomine* ġie notifikat b'dan ir-rikors maħluf fis-7 ta' Awwissu, 2018 iżda għażel li ma jdaħħal l-ebda risposta maħlufa fi żmien għoxrin jum li ttih il-liġi.

5. Aktar tard fis-16 ta' Ottubru, 2018, is-Sovrintendent *nomine* ressaq rikors, fejn fih talab lill-Ewwel Qorti sabiex jiġi ddikjarat li ż-żmien tiegħu għat-tressiq tar-risposta maħlufa kien għadu ma telaqx minħabba li ma kienx għadu ġie notifikat l-Avukat Ġenerali skont l-**Artikolu 181B(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan ir-rikors iżda ġie miċħud b'deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' Jannar, 2019.

6. Fl-4 ta' Frar, 2019, is-Sovrintendent *nomine* ressaq rikors ieħor u din id-darba huwa talab biex jiġi ddikjarat li l-proċeduri mnedija mill-attur *proprio et nomine* ma jistgħux jissoktaw minħabba li dawn tmexxew mingħajr mal-ewwel intbagħtet ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju skont kif imfisser fl-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

7. Fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2019, l-Ewwel Qorti għamlet dan il-

verbal li ġej:

> *«Il-Qorti rat ir-rikors.*
>
> *Billi l-intimat huwa fi stat ta' kontumaċi, il-Qorti tordna l-isfilz tiegħu.*
>
> *Saru sottomissjonijiet orali minn Dr Pawlu Lia.*
>
> *Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-atturi għad-dispożizzjoni tal-Art 460 tal-Kap 12 u tistedinhom jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar: (i) jekk il-ħtieġa tal-preavviż lill-Gvern hijiex ta' ordni pubbliku jew le; u (ii) jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu japplikawx għall-każ preżenti.*
>
> *Kawża differita għall-14 ta' Marzu 2019 għall-informazzjoni ulterjuri.»*

8. Wara li l-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet miktuba tagħhom dwar dawn iż-żewġ punti u wara li l-avukati taż-żewġ naħat għamlu wkoll l-argumenti bil-fomm tagħhom, l-Ewwel Qorti tat sentenza parzjali fid-9 ta' Lulju, 2019, li minnha saru l-appell ewlieni u l-appell inċidentali tal-lum.

9. F'din is-sentenza parzjali l-Ewwel Qorti ddeċidiet li għalkemm il-ħtieġa proċedurali dwar il-preżentata tal-ittra uffiċjali jew tal-protest ġudizzjarju msemmija fl-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija waħda ta' ordni pubbliku, madankollu hija kkonkludiet li din il-ħtieġa m'hemmx għalfejn li tiġi mħarsa f'azzjoni bħal dik mibdija mill-attur *proprio et nomine* taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

10. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet hekk kienu dawn:

> ***«ORDNI PUBBLIKU***

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' x'inhu "ordni pubbliku". Iktar milli normi konkreti, l-ordni pubbliku jirriżulta mill-prinċipji li jiġu riflessi fin-normi pożittivi. Ifisser dak il-parti tal-ordinament ġuridiku li jinġabru fiha l-prinċipji etiċi u politiċi, li l-osservanza u t-twettiq tagħhom jitqiesu indispensabbli għall-eżistenza tal-istess ordinament u l-ksib tal-għanijiet essenzjali tiegħu. L-ordni pubbliku mhuwiex statiku: huwa kunċett elastiku u storikament jinbidel skont l-esperjenza ġuridiko-organizzattiva li jieħu sehem fiha. Il-konvenut jiċċita s-sentenza* ***Francis Paris v. Maltacom plc*** *(07.10.2004 Prim'Awla) fejn qalet li "l-kunċetti tal-Ordni m'għandhomx jiġu intiżi f'sens internazzjonali, astratt u universali, imma jsibu l-limiti tagħhom fl-Ordinament Ġuridiku Nazzjonali tal-pajjiż". Il-Qorti taqbel ma' dan, bir-riżerva li issa ċerti normi tad-dritt internazzjonali (bħad-Drittijiet tal-Bniedem) u sovranazzjonali (bħad-Dritt Ewropew) ukoll jistgħu jagħmlu parti mill-ordinament ġuridiku tagħna u allura jiffurmaw parti mid-dritt pubbliku tiegħu. Interessanti li l-Onor. Imħallef Tonio Mallia, li ppronunzja l-imsemmija sentenza, kompla jgħid hekk:*

> *«Dwar x'inhu l-Ordni Pubbliku, il-**Galgano**, "**Diritto Privato**" (2ediz. p.251 para 13.2) jgħid, "Nel suo insieme la formola legislativa esprime una esigenza di difesa dei valori fondamentali della società: di difesa sia dei valori di natura collettiva, che attengono cioè all pacifica e civile convivenza fra gli uomini e al loro progresso economico e sociale, sia di valori di natura individuale, relativi alla libertà, alla dignità, alla sicurezza dei singoli. L'ordine pubblico è costituito da quelle norme, anch'esse imperative, che salvaguardano i valori fondamentali sopra menzionati e che, tuttavia, non sono esplicitamente formulate dalle legge, ma che si ricavano per implicito dal sistema legislativo: dai codici e dalle altre leggi ordinarie e, sopratutto, dalla Costituzione".*
>
> *Fuq l-istess materja, it-**Trabucchi, "Istituzioni di Diritto Civile**" (29ediz. para.74 p.170) jgħallem illi, "Lo scopo perseguito è sempre di impedire che una fonte di comandi giuridici (diritto straniero, o contratto) dia vita a dei precetti in contrasto con le norme fondamentali dello Stato ... I principi di ordine pubblico interno non sono necessariamente espressi in norme, ma si ricavano anche dal sistema delle disposizioni inderogabili sia del codice sia di altre norme.»*

*Illi din il-Qorti sejra wkoll iżżid din iċ-ċitazzjoni tal-**Giorgi**:*

> *«Che per quanto sia difficile, come osseva **Giorgi (Obbligazioni, 374)**, definire con preciso il concetto giuridico dell'ordine pubblico, dipendendo tale nozione dal principio contingente e mutabile (come egli si esprime), dalla convenienza politica, sociale ed economica la quale varia secondo i tempi ed i luoghi, purnondimeno è generalmente riconosciuto che esso comprende tutte le disposizioni precettive e proibitive intese direttamente o indirettamente al bene generale; per cui ripugnano a tale ordine e sono perciò riprovate quelle convenzioni, le quali in via diretta od indiretta si oppongono ai legittimi interessi*

> *generali, tenuto specialmente conto dei tempi e dei luoghi.» (**Negte. Giovanni Wismayer v. Negte. Edward Lowe** 17.02.1915, Qorti tal-Appell Kummerċjali).*

*Illi għalhekk materja li tkun ta' ordni pubbliku f'ċertu żmien jista' jkun li ma tibqax hekk meqjusa fi żmien ieħor;*

*Illi l-konvenut donnu jissuġġerixxi li l-liġi tal-proċedura hija kollha kemm hi liġi ta' ordni pubbliku u għalhekk kull ksur tagħha jwassal għan-nullità. Iżda "hu abbuż tal-kliem li jingħad illi, għaliex il-liġi ta' proċedura hi liġi ta' ordni pubbliku, ergo kull eċċezzjoni ta' proċedura, anke stess meta jkun hemm lok għaliha, għandha tiġi rilevata mill-Qorti ex officio" (**Romeo Sammut v. Flight Lieutenant Kenneth Shaw-Brown**, Appell Ċivili, 3 ta' April 1964 (**Kollez Vol XLVIII pI p223**) iċċitata minn **Veronique Amato Gauci v. Marco Zammit** 19.05.2004 Qorti tal-Appell (Inf) per Onor. Imħ. Philip Sciberras);*

*Illi l-Qorti rat id-dibattitu parlamentari meta ġie diskuss l-abbozz ta' liġi li introduċa l-Art. 460 (Att VIII.1981.6) u rriżultalha li tabilħaqq l-iskop tal-leġislatur kien li jagħti l-opportunità lill-amministrazzjoni pubblika biex terġa' taħsibha jekk tkun ħadet deċiżjoni żbaljata fil-konfront taċ-ċittadin; u b'hekk tiġi evitata li ssir kawża – kif tenniet l-abbli avukat tal-konvenut u wkoll diversi drabi dawn il-Qrati. Għan dan li huwa ċertament leġittimu u li jifforma parti integrali min-normi fundamentali tal-ordinament ġuridiku tagħna. Għalhekk ma jistax ma jitqiesx bħala norma ta' ordni pubbliku. B'danakollu din in-norma m'għandhiex tintuża b'mod assolut u b'mod li turta prinċipji oħra fundamentali tal-ordinament ġuridiku tagħna, fosthom li dawn il-Qrati jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi "mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ" (Artiklu 742(1) Kap 12) – ukoll norma pożittiva tal-kodiċi ta' proċedura tagħna - u li n-nullità - li twassal għall-moltiplikazzjoni tal-kawża għalxejn – tiġi evitata. M'hemmx dubbju li l-ħtieġa ta' notifikazzjoni preventiva tpoġġi lill-Gvern f'pożizzjoni vantaġġuża u pprivileġġata filwaqt li korrispondentement tpoġġi liċ-ċittadin fi żvantaġġ; u dan meta l-Gvern diġà huwa ferm ikbar u iktar b'saħħtu miċ-ċittadin. Huwa għalhekk li l-Art. 460 għandu jiġi interpretat restrittivament – kif fil-fatt sar f'ċerti każijiet, bħal meta l-Gvern jiġi msejjaħ f'kawża. Sfortunatament il-Qrati tagħna mhux dejjem segwew din il-linja. Għall-kuntrarju, kultant ħadu pożizzjoni estrema, u mhux talli ppronunzjaw in-nullità, imma wkoll addirittura l-ineżistenza tal-atti ppreżentati mingħajr il-preavviż preventiv, u dan mhux biss fil-konfront tal-amministrazzjoni pubblika, imma wkoll fil-konfront ta' konvenuti privati li jkunu ġew imħarrkin flimkien magħha. Pożizzjoni li Mħallfin oħra m'aċċettawx. Dan apparti li n-nullità hija odjuża għaliex twassal għall-moltiplikazzjoni tal-kawżi – dak li l-leġisatur ried jevita bil-mezz tal-avviż preventiv – u wkoll f'ċerti każijiet – bħal fil-każ preżenti fejn l-azzjoni trid issir qabel ma jgħaddi terminu dekadenzjali – għal telf permanenti ta' dritt sostantiv;*

***TALBA GĦAT-TNEĦĦIJA TAL-ART. 460***

*Illi l-Kummissjoni tal-1993 maħtura sabiex tirrakkomanda bidliet estensivi fil-proċedura ċivili, ikkritika bl-aħrax l-Art. 460 u rrakkomandat (mingħajr suċċess) it-tneħħija tiegħu:*

> *«The Government in present Maltese procedure is sometimes an unequal litigant. This situation brings about a state of affairs where the concept of parity of arms may not always find uniform application. This in itself may, in certain circumstances lead to a violation of the fair hearing rule constitutionally enshrined…*
>
> *The Commission felt that this section (460) is liable to give rise to considerable debate and may in specific and particular circumstances operate unfairly to the private litigant. The Commission understands that it is in general desirable that advance notice be given by the parties, whether they be private or public, prior to the commencement of litigation. The provision in the Code however goes much further than that, as it visits the litigant who commences an action against a government authority without giving the prior judicial notice required in the law with the nullity of the act. This draconian measure is unnecessary and in no way helpful to the ultimate resolution of the dispute on the merits…» (enfasi miżjuda mill-Qorti. Justice Within a Reasonable Time, November 1993, paġna 32)*

***L-ART. 460 MEQJUS ANAKRONISTIKU***

*Illi f'sentenza riċenti, il-Qorti tal-Appell ħasset li kellha tikkumenta li "Illum, jista' jingħad, li dan il-privileġġ joħloq stat ta' anakroniżmu fil-kuntest tal-ħtieġa li l-partijiet kollha jridu jitpoġġew f'sitwazzjoni identika taħt il-liġi" (**Paul Licari v. Malta Industrial Parks Limited** 25.11.2016 Qorti tal-Appell (Onor. Silvio Camilleri, Tonio Mallia, Joseph Azzopardi))*

***L-ART. 460 INTERPRETAT RESTRITTIVAMENT***

*Illi kien f'dan l-ispirtu li uħud mis-sentenzi tal-Qrati tagħna abbandunaw il-pożizzjoni estrema ppronunzjata in re: **Avukat Dr. Louis Vella et v. Ronald Grech et** (22.6.1992 Prim'Awla per Imħ. F.G.Camilleri) li rriteniet illi: «Minbarra dan, ingħad li, proprju minħabba l-kliem użat fl-artikolu in kwestjoni, n-nullità li jġib in-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb 'il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom» u addottat minflok interpretazzjoni stretta, bħall-każ ta' **Mario Dingli v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et** (Prim'Awla 30 ta' Mejju 2017, per Imħ. J Zammit McKeom) (in-nullità ma tinfettax lil terzi konvenuti privati); il-każ fejn ġie ppreżentat mandat ta' inibizzjoni kontestwalment mal-kawża: "Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 għandu jiġi interpretat fis-sens li wara r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, m'hemmx għalfejn li l-Gvern joqgħod jerġa' jiġi notifikat b'ittra uffiċjali jew protest qabel tiġi preżentata l-kawża għall-jedd pretiż" (**H.P. Cole v. Malta Industrial Parks Limited** 28.03.2012 Prim'Awla,*

*per Onor. Imħ. Anthony Ellul);*

***L-ART. 460 GĦADU JISTABBILIXXI NORMA TA' ORDNI PUBBLIKU?***

*Illi m'hemmx dubbju li l-Art. 460 kien u għadu norma ta' ordni pubbliku; u li sfortunatament il-leġislatur iqisu produċenti n-nullità, għalkemm wasal iż-żmien li din in-norma tiġi ttemperata biex tieħu qies ta' norma oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, tal-ugwaljanza ta' kull litigant quddiem il-Qrati tagħna. L-Art. 460 jista' jkun bi ksur tal-jeddijiet fundamentali.* **Platakou v. Greece** *(11.01.2001 Qorti ta' Strasburgu, kif iċċitata minn Karen Reid, A Practitioner's Guide to the European Convention of Human Rights, 5th edition, 2015, paġna 182) stabbiliet li "where there was a procedural rule that time ceased to run against the state during a judicial vacation, the Court found that the applicant had suffered inequality of arms since her application, rejected as out of time, would not have been deemed outside the time limit if the same rule had applied to her";*

***APPLIKABBILITÀ TAL-ART 460 GĦALL-ART. 469A***

*Illi skont l-Art. 460(2), «meta skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom";*

*Illi din il-Qorti taqbel mal-attur li l-Art. 469A tistabbilixxi "proċedura partikolari" (introdotta fil-1996), intiża speċifikament għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Tistabbilixxi terminu perentorju ta' sitt xhur li fih tista' ssir azzjoni bħal din. Ergo taqa' taħt id-definizzjoni tal-Art. 460(2) u għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Art. 460(1) ma japplikawx;*

*Illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut semmew ġurisprudenza li tgħid bil-kontra. Iż-żewġ partijiet jiċċitaw lil* ***P.T. Matic Environmental Services Ltd v. id-Direttur tal-Kuntratti*** *(14.03.2018 Prim'Awla, per Onor. Imħ. J.R. Micallef). Il-Qorti, f'dik is-sentenza rraġunat li l-fatt li hemm stabbilit terminu perentorju ma jneħħix il-ħtieġa li ssir sejħa b'att ġudizzjarju. L-attur jargumenta kontra din id-deċiżjoni billi jsostni li fil-prattika, l-attur ma jkollux sitt xhur żmien imma sitt xhur nieqsa għaxart ijiem. Dan l-argument m'huwiex nieqes mir-raġuni. B'danakollu, għal din il-Qorti l-punt kruċjali hu li l-proċedura tal-Art. 469A tinkwadra ruħha fid-dispozizzjoni msemmija tal-Art. 460(2) – u dan huwa biżżejjed biex l-attur jiġi eżentat mid-dispozizzjonijet tal-Art. 460(1). Għalhekk wara li ħasbet fit-tul, rispettożament tħoss li jkollha tiddissenti mis-sentenza fuq imsemmija u mis-sentenzi l-oħrajn iċċitati mill-konvenut.»*

11. Fl-10 ta' Lulju, 2019, is-Sovrintendent *nomine* talab lill-Ewwel Qorti

sabiex tagħtih il-permess jappella minn din is-sentenza parzjali. Dan il-permess ġie mogħti lilu b'digriet tal-31 ta' Ottubru, 2019.

12. Aktar tard, is-Sovrintendent *nomine* ressaq l-appell ewlieni tiegħu fl-20 ta' Novembru, 2019 u talab għat-tibdil tas-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti qalet li l-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma japplikax għall-kawża mibdija taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u minflok talab biex jiġi ddikjarat minn din il-Qorti li dan l-**Artikolu 460** jgħodd ukoll għall-kawża mibdija taħt l-**Artikolu 469A**.

13. L-attur *proprio et nomine* wieġeb għal dan l-appell fit-23 ta' Marzu, 2022 (wara li ġie awtorizzat jagħmel dan b'digriet mogħti minn din il-Qorti waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu, 2022), u hemmhekk huwa ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn huwa jemmen li l-appell tas-Sovrintendent *nomine* għandu jiġi miċħud. Minbarra dan, huwa ressaq ukoll appell inċidentali fejn talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tibdel dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet li hija setgħet tqajjem minn jeddha l-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** peress li dan huwa ta' ordni pubbliku u minflok issib li dan l-artikolu tal-liġi ma setax jitqanqal mill-Ewwel Qorti peress li mhuwiex ta' ordni publiku.

14. Is-Sovrintendent *nomine* wieġeb fit-3 ta' Mejju, 2022 għal dan l-

appell inċidentali u fit-tweġiba tiegħu huwa saħaq li l-Ewwel Qorti kellha raġun tqajjem minn jeddha dan il-punt marbut mal-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

15. Inżamm smigħ finali fid-9 ta' April, 2024, fejn il-Qorti semgħet l-aħħar sottomissjonijiet orali tal-avukati tal-partijiet u minn hemmhekk iż-żewġ appelli tħallew biex dwarhom tingħata din is-sentenza tal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. It-tilwima li għandha quddiemha din il-Qorti hija dwar it-tħaddim tal-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jaqra hekk:

> *«460.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*
>
> *(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx -*
>
> *(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*
> *(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*
> *(c) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew*
> *(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*
> *(e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,*
>
> *u meta skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-*

> *imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.*
>
> *(3) Kawżi kontra l-Gvern li dwarhom ikun hemm fis-seħħ mandat ta' inibizzjoni għandhom jinstemgħu mill-Qorti b'urġenza u bi preferenza għal kawżi oħra.»*

17. L-Ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata li dan l-artikolu tal-liġi, li jitkellem dwar il-ħtieġa ta' preżentata ta' ittra uffiċjali jew ta' protest ġudizzjarju kontra l-Gvern qabel tinbeda kawża kontrih, huwa wieħed ta' ordni pubbliku u għalhekk jista' jitqajjem minnha anke *ex officio.* Biss però l-Ewwel Qorti qalet ukoll li m'hemmx ħtieġa li tiġi mibgħuta ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, qabel tinbeda kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u dan għaliex kawża bħal din hija regolata bi proċedura u b'termini legali għaliha u għalhekk tinsab meħlusa mill-ħtieġa tal-ittra uffiċjali jew tal-protest ġudizzjarju skont l-**Artikolu 460(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

18. Issa s-Sovrintendent *nomine* fl-appell ewlieni tiegħu qiegħed jargumenta li l-ittra uffiċjali jew il-protest ġudizzjarju għandhom jiġu ppreżentati anke qabel ma tinbeda kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u jisħaq li n-nuqqas tagħhom għandu jwassal għan-nullità ta' din il-kawża.

19. Filwaqt li mill-banda l-oħra, l-attur *proprio et nomine* qiegħed isostni

fl-appell inċidentali tiegħu, li l-Ewwel Qorti lanqas biss setgħet minn jeddha u mingħajr eċċezzjoni tqajjem din il-kwistjoni marbuta mat-tressiq tal-ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju msemmija fl-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Għalhekk huwa jrid li din il-kwistjoni tiġi mwarrba għalkollox minn din il-Qorti u sabiex l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-każ tiegħu.

20. Loġikament din il-Qorti jeħtiġielha tibda billi tqis l-appell inċidentali tal-attur *proprio et nomine* qabel l-appell ewlieni tas-Sovrintendent *nomine*. Dan għas-sempliċi raġuni li jekk din il-Qorti jseħħilha ssib li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqajjem minn jeddha l-kwistjoni relatata mal-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, allura jkun kollu ta' xejn li din il-Qorti toqgħod tidħol biex tqis il-kwistjoni l-oħra dwar jekk l-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** japplikax ukoll għal kawżi mressqa taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

21. Illi l-**<u>appell inċidentali</u>** tal-attur *proprio et nomine* bilfors irid jitqies fil-kuntest li f'din il-kawża s-Sovrintendent *nomine* jinsab fi stat ta' kontumaċja għaliex huwa ma ressaqx risposta maħlufa fiż-żmien imsemmi fil-liġi.

22. Dwar dan il-punt, ġie deċiż għadd ta' drabi minn dawn il-Qrati, li l-

kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-konvenut għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi (ara ***George Busuttil et v. Anthony Vassallo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020). Għall-kuntrarju, fid-dritt Malti l-kontumaċja xorta waħda tirrappreżenta kontestazzjoni tal-pretensjonijiet attriċi (ara ***Nathalie Bartolo v. Id-Dentist Dr Jeffrey Pullicino Orlando et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

23. Ladarba l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni, allura l-kontumaċja ma teħlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwiżit tal-liġi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabbiltà u li jressaq l-aħjar prova biex iseddaq dak li qed jallega fil-premessi u fit-talbiet tiegħu (ara ***FIMBank p.l.c. v. Almeco Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017). L-Imħallef għalhekk xorta waħda jeħtieġlu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata fil-liġi (ara ***Vivian Charmaine Mizzi v. Carmel Mizzi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 2001 u ***David Hillman v. G.R.A.P Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2009). Dan hu hekk għaliex biex l-attur jirbaħ il-kawża, huwa jrid mhux biss jegħleb l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iżda jrid juri wkoll li huwa għandu jedd li jressaq l-azzjoni magħżula minnu, għaliex jekk le, il-Qorti, ukoll jekk il konvenuti ma jressqux eċċezzjonijiet, u anzi jibqgħu kontumaċi, ikollha tiċħad it-talbiet tiegħu (ara ***Kevin Attard v. Philip Cardona et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2023).

24. B'daqshekk però dan ma jfissirx li għaliex il-konvenut ikun waqa' f'kontumaċja, allura l-Qorti għandha l-jedd li *ex officio* tqajjem kwalunkwe eċċezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem li kieku kkontesta l-kawża (ara ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et nomine*** deċiża mil-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 1996). Dan hu hekk, minħabba li l-Qorti ma tistax tqajjem eċċezzjonijiet *ex officio* sakemm dawn ma jkunux kwistjonijiet ta' proċedura jew ta' ordni pubbliku (ara ***Joseph Attard v. Silvio Debono nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019).

25. Fil-każ tal-lum, is-Sovrintendent *nomine* ma ressaq l-ebda eċċezzjoni dwar in-nullità tal-kawża mibdija mill-attur *proprio et nomine* minħabba li huwa naqas milli jippreżenta kontrih ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju skont l-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** qabel ma fetaħ din il-kawża. Dan hu hekk għaliex kif għedna aktar kmieni s-Sovrintendent *nomine* ma ressaq l-ebda risposta maħlufa fit-terminu mogħti lilu bil-liġi biex jikkontesta din il-kawża.

26. Li rridu naraw mela huwa jekk l-Ewwel Qorti setgħetx *ex officio* tqajjem din il-kwistjoni marbuta mal-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

27. Kif tajjeb ġie mfisser fis-sentenza ***David Harding v. Lawrence A. Farrugia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 1987, l-għan wara dan l-artikolu tal-liġi, li ġie mdaħħal fil-kodiċi proċedurali tagħna b'riħet l-**Att VIII tal-1981** (dak iż-żmien bħala l-**Artikolu 460A tal-allura Kapitolu 15 tal-Liġijiet ta' Malta**), kien sabiex jagħti l-opportunità lill-Gvern, korp jew persuna b'kariga pubblika, li jingħata avviż minn qabel li persuna kienet beħsiebha tibda proċeduri ġudizzjarji kontrih u dana ħalli b'hekk l-istess Gvern, korp jew persuna b'kariga pubblika jkollu ż-żmien biżżejjed biex joffri rimedju jew soluzzjoni għat-tilwima li tkun inqalgħet mal-privat.

28. Fl-imgħoddi l-ġurisprudenza tal-Qrati kienet li jekk kawża mnedija kontra l-Gvern jew kontra entità governattiva ma tkunx ġiet preċeduta minn ittra uffiċjali jew minn protest ġudizzjarju, tali nuqqas iġib bħala konsegwenza l-invalidità ta' kull azzjoni li tiġi mressqa wara kontra l-Gvern (ara ***Salvatore Cristauro v. Avukat Ġenerali tar-Repubblika et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ġunju, 2001).

29. Ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Carmelo Armeni v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali et*** deċiża fis-27 ta' Frar, 1996, li l-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ftit li xejn iħalli spazju għall-ġudikant biex jeżerċita xi diskrezzjoni għaliex il-kliem huma ċari u r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ma kellux jaċċetta dan l-att ġudizzjarju meta ġie ppreżentat.

30. Din il-fehma kienet riġida sal-punt, li ngħad, li anke f'każ illi r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jkun ippermetta jew ħalla għaddejja l-preżentata tal-kawża, bi ksur ta' dan l-artikolu, l-istess preżentata ma tistax tissana n-nullità imposta mil-liġi (ara *inter alia* ***Roger Sullivan nomine v. Il-Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar 1993 u ***Ines Calleja et v. Gaetano Spiteri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 1991).

31. Kien hemm ukoll sentenzi li ngħad fihom li att ġudizzjarju mressaq bħala bidu ta' kawża kontra l-Gvern, li ma jintweriex li kien preċedut minn ittra uffiċjali jew protest, mhux biss huwa null iżda saħansitra huwa wkoll ineżistenti għaliex ir-Reġistratur lanqas biss messu aċċettahom meta tressqu quddiemu (ara ***Joseph Bellizzi v. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Frar, 1999). Minbarra dan, ingħad ukoll f'xi sentenzi ta' dik l-epoka, li n-nullità msemmija fl-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija waħda assoluta li tgħodd mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom (ara ***Avukat Dr Louis Vella et v. Ronald Grech et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju, 1992).

32. Sewwasew f'dan iż-żmien, il-pożizzjoni stretta tal-qrati tagħna kienet li dan il-privileġġ proċedurali favur il-Gvern imsemmi fl-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mhux biss huwa wieħed ta' ordni pubbliku li seta' jitqajjem mill-Qorti *ex officio* (ara ***Dominic Savio Spiteri v. Onor. Prim Ministru et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju, 1999) iżda li l-Gvern lanqas biss seta' jirrinunzja għal dan il-privileġġ (ara ***Dottor Harry Vassallo v. Onorevoli Prim Ministru*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru, 2001).

33. Ġara però li aktar qrib għaż-żminijiet tal-lum, x'aktarx minħabba influwenzi ġejjin mill-iżvilupp fil-qasam tal-jedd tas-smigħ xieraq fejn għandu x'jaqsam max-xkiel tal-jedd għal aċċess għall-qrati, il-ġurisprudenza moderna, b'mod partikolari dik tal-Qorti tal-Appell, bdiet tħares lejn l-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** b'lenti aktar flessibbli, biex bil-mod il-mod il-ġurisprudenza moderna bdiet tinqata' u titbiegħed mill-fehma estrema u drastika li kienet issaltan qabel.

34. Biex wieħed jislet ftit eżempji, wieħed jista' jibda billi jsemmi s-sentenza ***Salvatore Ellis et noe v. Il-Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-10 ta' April, 2003, fejn ingħad li l-għan wara l-**Artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura**

**Ċivili**, *viz.* dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunità li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f'każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom, m'għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li jfittex id-drittijiet tiegħu fil-qrati. Sewwasew f'dak il-każ, ingħad li ma hemmx bżonn li wieħed joqgħod jibgħat ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, qabel ma jibda proċeduri sabiex iżomm id-dikjarazzjoni maħlufa għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern magħmula taħt l-**Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** milli tikseb l-effett ta' ġudikat. Dan għaliex f'każ bħal dak ikun il-Gvern li jkun beda l-ewwel pass biex jikseb titlu eżekuttiv b'riħet id-dikjarazzjoni maħlufa u mhux il-persuna li tkun qiegħda tikkontesta dik id-dikjarazzjoni maħlufa.

35. Ftit xhur wara, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmelo sive Charles Ellul Sullivan nomine v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża fis-27 ta' Ġunju, 2003 qalet li l-Gvern ma jistax fl-appell tiegħu jqajjem in-nullità tal-kawża għaliex l-appellat ma jkunx bagħat ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel fetaħ il-kawża, jekk kemm-il darba huwa ma jkunx qajjem dik il-kwistjoni quddiem l-Ewwel Qorti.

36. F'sentenza oħra, ***Francis Camilleri v. Peter Paul Camilleri et*** tat-30 ta' Marzu, 2007, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) qalet li huwa l-Gvern biss li jista' jqajjem l-eċċezzjoni ta' nullità minħabba nuqqas ta' notifika skont **l-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex huwa biss il-Gvern li jgawdi minn dan il-privileġġ. Għalhekk tali eċċezzjoni ma tistax titqajjem minn persuni privati. Fl-istess sentenza ngħad ukoll, li anke kieku stess kellha tiddikjara li kien hemm nuqqas ta' ħarsien ta' dan l-artikolu tal-liġi, dan ma jwassalx għan-nullità tal-azzjoni imma jekk xejn iwassal biss li l-azzjoni fil-konfront tal-Gvern ma tkunx tista' tkompli, filwaqt li tkun tista' tissokta fil-konfront tal-persuna privata.

37. Minbarra dan għalkemm għall-bidu l-ġurisprudenza kienet issostni li l-privileġġ imsemmi fl**-Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** lanqas biss seta' jiġi rinunzjat mill-Gvern, maż-żmien il-qrati tagħna bdew jaċċettaw u jħallu wkoll li l-Gvern jirrinunzja għal dan il-privileġġ waqt il-mixi tal-kawża, u dan minkejja li huwa stess kien qajjem l-eċċezzjoni tan-nullità b'mod formali fir-risposta maħlufa tiegħu (ara l-atti tal-kawżi ***Avukat Dottor Tonio Azzopardi nomine v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Rik. 734/2009)*** u ***George Schembri et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et (Rik. 663/2014)*** fejn il-Gvern kien irtira l-eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullità tal-proċeduri minħabba nuqqas ta' ħarsien tal-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, wara li kienu tqajmu kwistjonijiet ta' bixra kostituzzjonali dwar it-tħaddim ta' dak l-artikolu).

38. Imbagħad fis-sentenza ***Paul Licari v. Malta Industrial Parks***

***Limited*** deċiża fil-25 ta' Novembru, 2016, il-Qorti tal-Appell saħqet li dan il-privileġġ proċedurali joħloq stat ta' anakroniżmu fil-kuntest tal-ħtieġa li l-partijiet kollha jridu jitpoġġew f'sitwazzjoni identika taħt il-liġi, u allura dan ma għandux jingħata applikazzjoni aktar wiesgħa milli jiddisponi. F'dak il-każ il-Qorti tal-Appell qalet li għalkemm il-Malta Industrial Parks Limited taqdi funzjonijiet pubbliċi għaliex tieħu ħsieb tamministra ż-żoni industrijali li huma proprjetà tal-Gvern u għalhekk tikkwalifika bħala awtorità pubblika, madankollu l-Qorti tal-Appell qalet li hija ma tistax tinvoka l-privileġġ proċedurali msemmi fl-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex dan ma jistax jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi kollha iżda jista' jintuża biss mill-Gvern, minn awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni (barra mill-Kummissjoni Elettorali), u minn persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha.

39. Interessanti wkoll dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Maria Scicluna et v. Raymond Azzopardi et*** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2020, u ċjoè li l-Gvern ma jistax jinvoka l-privileġġ tiegħu taħt l-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** biex jannulla kawża, jekk il-qofol tal-kawża ma tkunx kontra l-Gvern iżda tkun bejn persuni privati. F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-eċċezzjoni tar-Reġistratur tal-Artijiet dwar in-nullità tal-kawża għaliex qalet li għalkemm ir-Reġistratur kellu jkun parti fil-kawża għax hekk trid il-liġi minħabba li kien qiegħed jintalab li ssir korrezzjoni f'reġistrazzjoni magħmula minn

persuni privati, b'danakollu l-kawża ma setgħetx titqies magħmula kontrih ladarba ebda interess tiegħu ma seta' jintlaqat bl-eżitu tal-kawża.

40. Iżda l-mod ta' kif il-qrati tagħna għandhom jinterpretaw u jħarsu lejn l-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ħadet żvolta kbira ħafna bil-miġja tas-sentenza ***Mark Formosa v. Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 2020. F'din is-sentenza ngħad li t-tħaddim ta' dan l-artikolu b'mod rigoruż jista' jwassal għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, jekk jintwera li dan jispiċċa biex ixekkel il-jedd ta' aċċess għal qorti b'mod sproporzjonat. Minħabba f'hekk, peress li dan l-istess artikolu tal-liġi jagħti opportunità lill-Gvern li jqajjem kwistjonijiet ta' proċedura li jwasslu għan-nullità ta' kawża, allura l-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet li huwa xieraq li sabiex jiġi żgurat il-jedd ta' aċċess lill-Qrati, dan l-artikolu tal-liġi għandu jiġi applikat u interpretat b'mod flessibbli ħafna.

41. Il-Qorti Kostituzzjonali saħqet li għalkemm huwa minnu illi l-formalitajiet imposti f'dan l-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mhumiex partikolarment onerużi, u lanqas ma huma l-uniċi każijiet fejn il-liġi timponi dawn it-tip ta' formalitajiet qabel it-tressiq ta' kawża, b'danakollu l-konsegwenza tan-nuqqas tagħhom twassal għan-nullità tal-att, li hija devastanti speċjalment f'każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-**Artikolu 469A tal-**

**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, peress li jista' jkun hemm it-telfien permanenti tad-dritt għal stħarriġ fil-mertu tal-ilment taċ-ċittadin minħabba t-terminu perentorju ta' sitt xhur.

42. Fid-dawl ta' din is-sentenza kostituzzjonali, il-Qorti tal-Appell bdiet tieħu qagħda aktar liberali u flessibbli fl-interpretazzjoni tagħha tal-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

43. Kemm hu hekk fis-sentenza ***Ayman Khalaf v. Il-Prim Ministru ta' Malta et*** deċiża fis-26 ta' Ottubru, 2022, il-Qorti tal-Appell qalet li huwa minnu li l-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħid li l-preavviż lill-Gvern għandu jsir fis-sura ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju. Madankollu l-istess Qorti tal-Appell kompliet billi tgħid, li ladarba l-iskop wara dan il-preavviż, huwa li jagħti biss lill-Gvern l-opportunità li jkun jaf x'inhi l-pretensjoni tal-attur sabiex b'hekk huwa jkun jista' jindirizza l-ilment tiegħu qabel issir il-kawża, allura dak l-iskop jintlaħaq ukoll jekk qabel il-kawża jkun sar rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li jkun ġie miċħud. Il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara ħafna f'din is-sentenza li l-Gvern m'għandux jingħata vantaġġi bla bżonn u għalhekk l-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għandu jiġi applikat u interpretat b'mod restrittiv.

44. Terġa' u tgħid f'sentenza aktar riċenti, dik ta' ***Godfrey Ciangura v.***

***Ministeru Tal-Intern u Affarijiet Parlamentari et*** deċiża fit-8 ta' April, 2024, il-Qorti tal-Appell saħqet li kawża m'għandhiex tiġi dikjarata nulla minħabba nuqqas ta' preżentata ta' ittra uffiċjali jew ta' protest ġudizzarju skont l-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jekk jirriżulta li qabel infetħet il-kawża kontra l-Gvern, l-attur ikun bagħat ittri legali, fejn fisser lill-Gvern dwar il-pretensjonijiet tiegħu. Intqal ukoll li l-eċċezzjoni tan-nullità tal-kawża minħabba nuqqas tal-ittra uffiċjali jew tal-protest ġudizzjarju għandha tiġi miċħuda jekk jintwera li l-Gvern xorta ma kienx ħa jbiddel il-pożizzjoni tiegħu li kieku huwa rċieva l-ittra uffiċjali jew il-protest ġudizzjarju qabel il-ftuħ tal-kawża.

45. Illi minn din ir-rassenja kollha, jidher ċar li l-fehma tal-qrati tagħna dwar l-interpretazzjoni tal-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mhux biss żviluppat u evolviet mal-medda tas-snin iżda saħanistra nbidlet ta' taħt fuq. Biżżejjed jingħad, li fejn qabel il-kawżi kontra l-Gvern kienu dlonk jittajru 'l barra mill-qrati tagħna, bla kliem u bla sliem, jekk jirriżulta li ma jkunux intbagħtu l-ittra uffiċjali jew il-protest ġudizzjarju; illum il-qrati tagħna però bdew jieħdu pożizzjoni aktar moderata u aktar proporzjonata favur iż-żamma tal-kawża, minkejja li dawn ikunu nfetħu mingħajr ma jkunu saru l-ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, jekk jintwera li l-Gvern ma kellu l-ebda bżonn ta' preavviż għaliex huwa ġa kien jaf bil-pretensjoni tal-attur jew inkella jekk jintwera li l-Gvern xorta ma kienx ħa jbiddel il-pożizzjoni tiegħu li kieku

huwa ngħata dak il-preavviż.

46. Hekk ukoll, filwaqt li kien hemm żmien li l-qrati tagħna kienu jgħidu li l-privileġġ imsemmi fl-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** lanqas biss seta' jiġi rinunzjat mill-Gvern u allura l-Qorti kellha d-dmir li tqajjem tali privileġġ anke minn jeddha, però bħala riżultat ta' bidla fil-ħsieb, il-qrati tagħna fi żminijiet aktar qrib għal-lum bdew anke jaċċettaw li jkomplu jisimgħu l-mertu tal-kawża, wara li l-Gvern jaċċetta li jirrinunzja għal dak il-privileġġ proċedurali mogħti lilu bil-liġi.

47. Jiġi b'hekk, li għalkemm huwa veru li teżisti ġurisprudenza tal-imgħoddi li kienet tħares b'ċertu żelu żejjed lejn il-privileġġ tal-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sal-punt li din kienet tqisu bħala preċett ta' ordni pubbliku, b'danakollu x-xejra ġurisprudenzjali l-aktar riċenti m'għadhiex tqisu aktar bħala preċett ta' ordni pubbliku, tant li taffiet ħafna mill-effetti tiegħu u saħansitra anke warrbitu sabiex jiġi żgurat li ma jiġix imxekkel il-jedd taċ-ċittadin milli jkollu aċċess għall-qrati, kif imħares taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

48. Bħalma tajjeb qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, materja li tkun ta' ordni pubbliku f'ċertu żmien, jista' jkun li ma tibqax hekk meqjusa fi żmien ieħor. Appuntu f'dan il-każ, fid-dawl tal-iżvilupp kbir li seħħ fil-

ġurispudenza tagħna dwar il-mod kif għandu jiġi interpretat u mħaddem il-privileġġ proċedurali mogħti lill-Gvern f'kawżi mnedija kontrih, din il-Qorti b'konvinzjoni sħiħa tgħid li llum il-ġurnata dan il-privileġġ proċedurali tal-Gvern m'għadux igawdi l-istatus ta' kunċett ta' ordni pubbliku.

49. Ifisser dan, li l-Ewwel Qorti ma mxietx tajjeb meta qalet fis-sentenza appellata li hija tista' minn jeddha tqajjem il-privileġġ tal-Gvern imsemmi fl-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** anke jekk il-Gvern ma jqanqalx dan il-privileġġ fir-risposta maħlufa.

50. Kontra dak li qalet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa biss privileġġ proċedurali mogħti lill-Gvern, allura dan jista' jiġi invokat biss mill-Gvern innifsu, b'dana għalhekk li dan il-privileġġ la jista' jiġi invokat minn terzi li ma jgawdux minn dan il-privileġġ u wisq inqas jista' jiġi invokat *ex officio* mill-Qorti.

51. Jekk min huwa intitolat għal dan il-privileġġ ma jinvokahx b'mod formali fir-risposta maħlufa tiegħu, allura dan għandu jitqies li jkun irrinunzja għalih. Dak li jkun ma jistax jiġi wara u jgħid li huwa kellu bidla fil-ħsieb, għaliex ladarba ma jkunx invokah fir-risposta maħlufa, allura dak li jkun ikun tilef il-jedd li jinqeda b'dak il-privileġġ.

52. Hekk ukoll min ma jqajjimx dan il-privileġġ fir-risposta maħlufa tiegħu bħalma għamel f'dan il-każ is-Sovrintendent *nomine* (peress li għażel li ma jdaħħal l-ebda risposta maħlufa), dan ma jistax jippretendi li l-Qorti għandha tqajmu għalih.

53. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, din il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-appell inċidentali ta' Paul Gauci *proprio et nomine* huwa wieħed fejjiedi għaliex l-Ewwel Qorti ma messhiex qajmet minn jeddha l-privileġġ tal-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

54. Peress li din il-Qorti qiegħda ssib li l-appell inċidentali huwa mistħoqq, allura hija m'għandhiex għalfejn tidħol biex tistħarreġ l-appell ewlieni tas-Sovrintendent *nomine* dwar jekk il-privileġġ tal-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħoddx ukoll għall-kawżi mibdija taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Minħabba f'hekk din il-Qorti sejra tastjeni milli tqisu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti filwaqt li **tastjeni** milli tqis l-appell ewlieni tal-konvenut Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali *nomine,* qiegħda **tilqa'** l-appell inċidentali tal-attur Paul Gauci *proprio et nomine* u b'hekk tħassar is-sentenza parzjali mogħtija mill-

Ewwel Qorti nhar id-9 ta' Lulju, 2019 u minflok tiddikjara li l-Qorti ma tistax minn jeddha tqajjem il-privileġġ imsemmi fl-**Artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex dan mhuwiex preċett ta' ordni pubbliku.

L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu riżervati sakemm l-Ewwel Qorti tagħti s-sentenza finali tagħha, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mal-appell prinċipali u mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenut Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali *nomine*.

Fl-aħħar nett tordna li l-atti jinbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigħ tal-kawża dwar it-talbiet tal-attur *proprio et nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss